**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 129/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Samantha Cuschieri**

**Illum 8 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Samantha Cuschieri** ta' tnejn u tletin (32) sena, bint Francis Cuschieri u Lorraine neè Camilleri, imwielda l-Pietà fl-24 ta' Lulju 1992 u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 361192M, talli f'xi ħin matul il-ġurnata ta' nhar it-8 ta' Frar tas-sena 2025 u/jew fil-ġranet, il-jiem jew ix-xhur ta' qabel, ġewwa Triq il-Kuċċard, San Ġwann, u/jew bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Ikkommettiet serq, flimkien ma' persuna oħra, ta' jumpleads u tyre u/jew xi affarijiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorti tal-ħaġa misruqa stante li ġie kommess minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBV-169 f'post pubbliku, u bil-mezz u dan sar għad-detriment ta' Igor Misan u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, bi ksur ta' l-Artikoli 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278(2), 467(2) u 525(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix l-eflejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Igor Misan, u/jew ta' persuni u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlet biex

tbiegħhom jew tmexxihom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U talli għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs) u s-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) ta' nhar id-9 ta' Frar tas-sena 2025, ġewwa l-Isptar Mater Dei, Imsida, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Inġurjat jew ħeddedt jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' PC204 u/jew PS160 bħala persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezza' jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC204, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi mill-awtoritajiet kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Bħala persuna kisret il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u storbju jew b'mod ieħor, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Naqset milli tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilha mill-Pulizija jew minn uffiċjal ieħor ta' awtorità oħra waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew ma ħallietx jew fixklithom b'xi mod jew bla jedd indaħlet fl-istess dmirijiet billi ma ħallithomx jagħmlu jew ħassret dak li kienu qegħdin jagħmlu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U talli:

8. Kemm-il darba jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija, tkun ikkommettiet tali reat u/jew reati waqt il-perijodu ta' probation li ngħatat nhar il-11 ta' Mejju 2023, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D., b'dana li dina l-Onorabbli Qorti għandha tittratta magħha għar-reat li dwaru saret tali ordni daqs li kieku għadha kif instabet ħatja minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli:

9. Hija reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Samantha Cuschieri għall-ħlas ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) kemm-il darba tinsab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem kontra Samantha Cuschieri d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali; (iii) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Samantha

Cuschieri sabiex tirrestitwixxi lill-parti offiza kull ħaġa minnha misruqa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, markat Dok. "X" a fol. 10 tal-proċess;

Rat illi l-imputata, filwaqt li ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja, iddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha iżda hija ħatja ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tagħha[1], liema posizzjoni ġiet imtennija mill-imputata waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2025 fejn mill-ġdid iddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha iżda tenniet l-ammissjoni ta' ħtija tagħha għat-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u dana wara li l-Qorti spjegatilha bi kliem ċar u li tifhem l-implikazzjonijiet legali ta' l-ammissjoni tagħha u tatha biżżejjed żmien biex tirrikonsidra l-posizzjoni tagħha u terġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 11 sa' 24 tal-proċess;

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2025, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli f'xi ħin matul il-ġurnata ta' nhar it-8 ta' Frar tas-sena 2025 u/jew fil-ġranet, il-jiem jew ix-xhur ta' qabel, ġewwa Triq il-Kuċċard, San Ġwann, u/jew bnadi oħra fil-gżejjer Maltin: (1) Ikkommettiet serq, flimkien ma' persuna oħra, ta' jumpleads u tyre u/jew xi affarijiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorti tal-ħaġa misruqa stante li ġie kommess minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBV-169 f'post pubbliku, u bil-mezz u dan sar għad-detriment ta' Igor Misan u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, bi ksur ta' l-Artikoli 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278(2), 467(2) u 525(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix l-eflejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Igor Misan, u/jew ta' persuni u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement,

[1] Fol. 9 tal-proċess.

b'kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; **U** talli għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs) u s-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) ta' nhar id-9 ta' Frar tas-sena 2025, ġewwa l-Isptar Mater Dei, Imsida, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin: (4) Inġurjat jew ħeddedt jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' PC204 u/jew PS160 bħala persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezza' jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC204, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi mill-awtoritajiet kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) Bħala persuna kisret il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u storbju jew b'mod ieħor, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (7) Naqset milli tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilha mill-Pulizija jew minn uffiċjal ieħor ta' awtorità oħra waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew ma ħallietx jew fixklithom b'xi mod jew bla jedd indaħlet fl-istess dmirijiet billi ma ħallithomx jagħmlu jew ħassret dak li kienu qegħdin jagħmlu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; **U talli**: (8) Kemm-il darba jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija, tkun ikkommettiet tali reat u/jew reati waqt il-perijodu ta' probation li ngħatat nhar il-11 ta' Mejju 2023, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D., b'dana li dina l-Onorabbli Qorti għandha tittratta magħha għar-reat li dwaru saret tali ordni daqs li kieku għadha kif instabet ħatja minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta; **U aktar talli**: (9) Hija reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

L-imputata ddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha, iżda wieġbet li hija ħatja tat-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjoni dedotti kontriha.

**Konsiderazzjonijiet:**

In kwantu rigwarda l-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi fir-rigward u għaldaqstant il-Qorti ma tistax, fl-assenza ta' tali provi, issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha.

In kwantu rigwarda r-rimanenti imputazzjonijiet, ossia t-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjoni, dedotti fil-konfront ta' l-imputata, fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-istess imputata hija għandha tinstab ħatja ta' tali imputazzjonijiet.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputata qed tinstab ħatja, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata irreġistrat ammissjoni għall-maġġoranza ta' l-imputazzjonijiet, fi stadju bikri tal-

proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li mis-sottomissjonijiet dwar il-piena irriżulta li l-imputata kkooperat mal-Pulizija. Ikkunsidrat ukoll li s-sitt u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata jiġu assorbiti fir-raba' imputazzjoni dedotta kontriha u li bejn it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata japplika l-konkors ta' reati u pieni ai termini ta' l-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li għalkemm illum l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat jew aħjar sostitwit in forza ta' l-Att IV ta' l-2025, fejn il-piena għar-reat, partikolarment in kwantu jirrigwarda l-multa li għandha tiġi imposta fuq min jinstab ħati ta' tali, zdiedet, fil-każ in eżami japplika dak dispost fl-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè li *jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunx xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.* Dan ifisser għalhekk li għall-fini ta' piena in kwantu rigwarda r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata għandu jiġi applikat l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif in vigore qabel ma ġie sostitwit bl-imsemmi Att IV ta' l-2025

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li mis-sottomissjonijiet dwar il-piena rriżulta li l-imputata għandha problema akuta ta' abbuż ta' droga.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel, it-tieni u il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha minħabba nuqqas ta' provi, u b'hekk tilliberaha minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 49, 50, 95, 221(1), 285, 334(a), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess, tat-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba' u d-disa' imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għall-perijodu ta' seba' (7) xhur priġunerija effettiva u għall-multa ta' tmin mitt Euro (€800).

Ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-perijodu ta' seba' xhur priġunerija effettiva hawn imposta fuq l-imputata għandu jitnaqqas dak iż-żmien li hija għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess, tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u b'hekk qed tittratta magħha għar-reati li dwarhom kienet saret l-Ordni ta' Probation in segwitu għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Samantha Cuschieri" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia, fil-11 ta' Mejju 2023, daqs li kieku għadha kemm ġiet dikjarata ħatja quddiem din il-Qorti għal tali reati u għadaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 20, 279(b), 280(1), 284, 285, 334(a) u 355AD(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata għall-perijodu ta' disgħa u għoxrin (29) xahar priġunerija effettiva.

Peress illi mis-sottomissjonijiet imressqa kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiża jirriżulta li l-imputata għandha problema akuta ta' abbuż ta' droga, il-Qorti qed tqiegħed lill-imsemmija imputata taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu

412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' ħames (5) snin dekoribbli mid-data tad-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Trattament u skond il-kondizzjonijiet elenkati f'dak id-Digriet, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li ma tikkonformax ruħha ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħalha ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a bażi ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront ta' l-imputata.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**